



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.7.2013  
COM(2013) 557 final

**ABBOZZ TAL-BAGĦIT EMENDATORJU Nru 7  
GĦALL-BAGĦIT ĠENERALI TAL-2013**

**RENDIKONT ĠENERALI TAD-DĦUL**

**RENDIKONT TAL-INFIQ SKONT IT-TAQSIMA TAQSIMA  
Taqsimha III — Il-Kummissjoni**

**ABBOZZ TAL-BAGĦIT EMENDATORJU Nru 7  
GĦALL-BAGĦIT ĠENERALI TAL-2013**

**RENDIKONT ĠENERALI TAD-DĦUL**

**RENDIKONT TAL-INFIQ SKONT IT-TAQSIMA TAQSIMA  
Taqsimi III — II-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottat fit-12 ta' Diċembru 2012<sup>2</sup>,
- il-baġit emendatorju Nru 1/2013, adottat fl-4 ta' Lulju 2013,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013<sup>3</sup>, adottat fis-27 ta' Marzu 2013,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2013<sup>4</sup>, adottat fil-15 ta' April 2013,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013<sup>5</sup>, adottat fid-29 ta' April 2013,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013<sup>6</sup>, adottat fit-2 ta' Mejju 2013,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2013<sup>7</sup>, adottat fl-10 ta' Lulju 2013,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità baġitarja l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7 tal-Baġit 2013.

### **BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsimha jinsabu fuq il-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

---

<sup>1</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.  
<sup>2</sup> ĠU L 66, 8.3.2013, p. 1.  
<sup>3</sup> COM(2013) 183  
<sup>4</sup> COM(2013) 224  
<sup>5</sup> COM(2013) 254  
<sup>6</sup> COM(2013) 258  
<sup>7</sup> COM(2013) 518

## 1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 7 għas-sena 2013 ikopri żieda ta' approprjazzjonijiet għall-impenji ta' EUR 150,0 miljun fl-Intestatura 1b tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Dan bil-ħsieb li jiġu indirizzati ċerti kwistjonijiet li ħarġu mir-riżultat finali tan-negozjati tal-QFP għas-snin 2014-2020, li jaffettwaw lil Franza, l-Italja u Spanja. Il-Kunsill Ewropew tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013 qies li għandha tingħata soluzzjoni baġitarja għal dik il-kwistjoni.

Wara li kkunsidra l-kriżi ekonomika attwali u bħala kontribut għall-isforz speċjali li jrid isir biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet speċifiċi ta' qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh, u ta' faqar u esklużjoni soċjali f'dawn l-Istati Membri, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-aħjar mod kif tista' tgħin hom huwa billi żżid il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Peress li l-allokkazzjonijiet eżistenti diġà ġew impenjati bis-sħiħ fil-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tipproponi li żżid l-allokkazzjonijiet tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għas-sena 2013 għal dawk it-tliet Stati Membri. Iż-żieda ta' EUR 150 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji se tiġi koperta mill-marġini taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-Intestatura 1b (EUR 16,0 miljun), u permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità (EUR 134,0 miljun) immirat lejn din l-azzjoni speċifika.

## 2. L-INDIRIZZAR TA' SITWAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-QGĦAD, B'MOD PARTIKOLARI L-QGĦAD FOST IŻ-ŻGĦAŻAĠH, U TAL-ESKLUŻJONI SOĊJALI FL-ISTATI MEMBRI AFFETTWATI

L-ammonti proposti se jiġu miżjudha fil-programmi eżistenti tal-FSE. Biex tiġi żgurata l-effettività taż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-sena 2013 u tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi, il-Kummissjoni qieset il-kapaċità ta' assorbiment tal-Istati Membri kkonċernati għal dawn iż-żewġ għanijiet tal-Fondi: "Objettiv ta' konverġenza" u "Objettiv ta' kompetittività reġjonali u impjiegi".

## 3. ŻIEDA FL-IMPENJI FL-INTESTATURA 1B TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

It-talba globali għat-tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' impenn fl-Intestatura 1b tammonta għal EUR 150 miljun, imqassma kif ġej:

Linja tal-Baġit	Intestatura 1b	Impejni (EUR)
04 02 17	Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Konverġenza	16 683 215
04 02 19	Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Kompetittività reġjonali u impjiegi	133 316 785
	<b>Total</b>	<b>150 000 000</b>

It-tqassim bejn iż-żewġ linji tal-baġit jista' jiġi aġġustat skont il-bżonnijiet.

Skont ir-regoli tal-ħlas tal-Fondi Strutturali, l-applikazzjonijiet għall-ħlas kollha għal programm huma assenjati għall-impenji li jinfetħu l-ewwel. B'hekk ma hemm l-ebda bżonn ta' pagamenti addizzjonali fl-2013 għal dawn l-impenji addizzjonali.

#### 4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

Qafas Finanzjarju Intestatura/sottointestatura	Qafas finanzjarju tal-2013 rivedut		Baġit 2013 (inkl. AB 1 u ABE 2 sa 6/2013)		ABE 7/2013		Baġit 2013 (inkl. AB 1 u ABE 2 sa 7/2013)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA
<b>1. TKABBIR SOSTENIBBLI</b>								
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	15 670 000 000		16 168 150 291 1 849 709	12 886 628 095			16 168 150 291 1 849 709	12 886 628 095
<i>Marġini</i>								
1b. Koezzjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi	54 974 000 000		54 958 049 037	56 349 544 736	150 000 000		55 108 049 037	56 349 544 736
<i>Marġini</i> <sup>8</sup>			15 950 963				0	
<b>Total</b>	<b>70 644 000 000</b>		<b>71 126 199 328</b>	<b>69 236 172 831</b>	<b>150 000 000</b>		<b>71 276 199 328</b>	<b>69 236 172 831</b>
<i>Marġini</i> <sup>9</sup>			17 800 672				1 849 709	
<b>2. KONSERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR-RIŻORSI NATURALI</b>								
Lì minnhom nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	48 574 000 000		43 956 548 610	43 934 188 711			43 956 548 610	43 934 188 711
<b>Total</b>	<b>61 289 000 000</b>		<b>60 159 241 416</b>	<b>58 095 492 961</b>			<b>60 159 241 416</b>	<b>58 095 492 961</b>
<i>Marġini</i>			1 129 758 584				1 129 758 584	
<b>3. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA</b>								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	1 661 000 000		1 440 827 200 220 172 800	1 046 033 652			1 440 827 200 220 172 800	1 046 033 652
<i>Marġini</i>								
3b. Ċittadinanza	746 000 000		753 287 942	669 173 557			753 287 942	669 173 557
<i>Marġini</i>			7 320 000				7 320 000	
<b>Total</b>	<b>2 407 000 000</b>		<b>2 194 115 142</b>	<b>1 715 207 209</b>			<b>2 194 115 142</b>	<b>1 715 207 209</b>
<i>Marġini</i> <sup>10</sup>			227 492 800				227 492 800	
<b>4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI</b>								
<i>Marġini</i> <sup>11</sup>	<b>9 595 000 000</b>		<b>9 583 118 711</b> 275 996 289	<b>6 898 914 260</b>			<b>9 583 118 711</b> 275 996 289	<b>6 898 914 260</b>
<b>5. AMMINISTRAZZJONI</b>								
<i>Marġini</i> <sup>12</sup>	<b>8 492 000 000</b>		<b>8 430 374 740</b> 147 625 260	<b>8 430 049 740</b>			<b>8 430 374 740</b> 147 625 260	<b>8 430 049 740</b>
<b>6. KUMPENS</b>								
<i>Marġini</i>	<b>75 000 000</b>		<b>75 000 000</b>	<b>75 000 000</b>			<b>75 000 000</b>	<b>75 000 000</b>
<b>TOTAL</b>	<b>152 502 000 000</b>	<b>144 285 000 000</b>	<b>151 568 049 337</b> 1 798 673 605	<b>144 450 837 001</b> 14 770 941	<b>150 000 000</b>		<b>151 718 049 337</b> 1 782 722 642	<b>144 450 837 001</b> 14 770 941
<i>Marġini</i> <sup>13,14,15</sup>								

<sup>8</sup> EUR 134,0 miljun 'il fuq mil-limitu massimu huma ffinanzjati permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità fl-2013.

<sup>9</sup> Il-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġini taħt l-Intestatura 1a (EUR 500 miljun).

<sup>10</sup> L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jiddaħħal apparti mill-intestaturi rilevanti kif previst bil-FII tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

<sup>11</sup> Il-marġini tal-2013 għall-Intestatura 4 ma jhux inkunsiderazzjoni l-appropjazzjonijiet relatati mar-Riżerva għall-Ghajjnuna ta' Emerġenza (EUR 264,1 miljun).

<sup>12</sup> Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu tal-Intestatura 5, tqieset in-nota (1) ta' qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal ammont ta' EUR 86 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.

<sup>13</sup> Il-marġini globali għall-impjenji ma jkux l-appropjazzjonijiet relatati mal-FEG (EUR 500 miljun), l-EAR (EUR 264,1 miljun) u l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet (EUR 86 miljun).

<sup>14</sup> Il-marġini globali għall-pagamenti ma jkux l-appropjazzjonijiet marbuta mall-EAR (EUR 80 miljun) u l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet (EUR 86 miljun).

<sup>15</sup> EUR 134,0 miljun 'il fuq mil-limitu massimu huma ffinanzjati permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità fl-2013.